**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 977/2020 AF**

Wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 999/2020

**Judith Galea**

**vs**

**Marthese sive Merthis Roper**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Marthese sive Merthis Roper, li permezz tieghu ghar-ragunijiet fih premessi, talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. B'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12 tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 999/2020 fl-ismijiet "Judith Galea vs Marthese sive Merthis Roper".

2. B'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 836(8)(d) tal-Kap. 12 tikkundanna lil Judith Galea ghall-hlas ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12.

3. B'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 836(7) tordna li l-ammont depozitat fir-Registru tal-Qorti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tac-cedoli 1255/2020 u 1219/2020 depozitati fl-ismijiet fuq premessi u in segwitu ghal mandat numru 999/2020 jigu zbankati favur l-esponenti Marthese sive Merthis Roper.

U dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Judith Galea.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla biex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-mandat *de quo* inhareg minn Judith Galea sabiex tikkawtela pretensjoni li ssostni li ghandha fil-konfront ta' Marthese sive Merthis Roper ghall-hlas ta' danni lilha kagunati b'mandat ta' inibizzjoni mahrug minn Marthese Roper fil-konfront ta' Antoine Portelli sabiex dan ma jbieghx sehemu minn proprjetà immobbli.

Il-Qorti tibda billi tenfasizza illi l-ezami li taghmel fi proceduri ta' din ix-xorta jibqa' essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn.

Inoltre, ebda dikjarazzjoni ta' din il-Qorti fl-ambitu ta' mandat kawtelatorja ma titqies li tippregudika b'ebda mod il-kawza fil-mertu.

Dan premess, jirrizulta illi mad-daqqa t'ghajn Marthese Roper ghandha fil-konfront ta' Antoine Portelli, li lilu kienet mizzewga imma llum divorzjata, pretensjoni ghal hlas ta' flejjes li jaghmlu parti minn sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti. Tezisti infatti bejniethom kawza li tinkludi talba f'dan is-sens. Sabiex tikkawtela din il-pretensjoni Marthese Roper talbet u ottjeniet fil-konfront ta' Antoine Portelli mandat ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru. Il-mandat ta' sekwestru ma wassal ghal ebda garanzija sostanzjali. Il-mandat ta' inibizzjoni, minn naha l-ohra laqat 40% sehem minn proprjetà li Antoine Portelli jipposjedi flimkien ma' Judith Galea. Judith Galea tqis illi l-mandat ta' inibizzjoni lilha qieghed jirrekalha danni minhabba telf fil-valur tal-proprjetà taghha. Hija intavolat proceduri kontra Marthese Roper b'talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni. Il-pretensjoni taghha qeghda tigi kawtelata bil-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri.

L-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12 jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tqis li mad-daqqa t'ghajn ma jirrizultax illi Judith Galea tgawdi l-jedd li tippretendi li tikkawtela bil-mandat. Il-mandat ta' inibizzjoni li ssostni li qieghed jirrekalha danni jolqot biss sehem Antoine Portelli mill-proprjetà (40%). Is-60% li jappartjeni lilha mhuwiex milqut. Il-mandat inhareg legittimament u mhuwiex mertu ta' dawn il-proceduri. Huwa minnu li jista' jkun li sehemha mill-proprjetà fic-cirkostanzi jgib prezz anqas fis-suq però ta' dan ma tistax, mad-daqqa t'ghajn titqies li tahti Marthese Roper. Galadarba Judtih Galea ghazlet li tinvesti flimkien ma' persuna ohra kienet qed tesponi ruhha ghal cirkostanzi tal-hajja ta' persuna ohra. Mad-daqqa t'ghajn, Marthese Roper ma tistax f'dan l-istadju titqies responsabbli ghal dak li tista' eventwalment tbati Judith Galea. Ghalhekk il-Qorti ser tordna li l-mandat mahrug fil-konfront ta' Marthese Roper, jithassar.

Madanakollu l-Qorti ma tqisx li jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw l-imposizzjoni ta' penali a tenur tal-Art. 836(8)(d).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tilqa' l-ewwel talba ta' Marthese sive Merthis Roper u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 999/2020;

2. tichad it-tieni talba;

3. tilqa' t-tielet talba u tordna li kull ammont depozitat fl-atti tal-mandat 999/2020, inkluz imma mhux biss permezz ta' cedoli 1255/2020 u 1219/2020 jigi zbankat favur Marthese sive Merthis Roper.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF